# PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT

**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 20.07.08: SOLENNITA' LITURĠIKA TA' SANTA MARGERITA V.M.**
**JUM IS-SAĊERDOTI, RELIĠJUŻI U VOKAZZJONIJIET**
Illum isir talb għas-Saċerdoti, għar-Reliġjużi u għall-Vokazzjonijiet fil-parroċċa tagħna u fil-Knisja universali.
**Il-Ġabra** li ssir illum fil-knisja waqt il-quddies tkun għall-Festa ta' Santa Margerita.
**Fit-3.30p.m**. Kant ta' l-Għasar
**Fil-4.00p.m**. Quddiesa.
**IT-TNEJN, 21.07.08: JUM IL-FAMILJA.**
**Fis-7.00p.m.** quddiesa li fiha koppji mill-parroċċa se jfakkru l-50 sena miż-żwieġ tagħhom, oħrajn se jfakkru l-25 sena miż-żwieġ. Jiġi ċċelebrat s-Sagrament tal-Magħmudija u anke ssir il-preżentazzjoni tat-trabi li ġew mgħammda din is-sena.
Wara tingħad il-kurunella, tindaqq l-Antifona u l-Barka
**IT-TLIETA 22.07.08: JUM L-EMIGRANTI U R-RESIDENTI BARRANIN**
**Fis-7.00p.m**. Iqaddes Dun Manwel Spiteri bis-sehem ta' l-Emigranti u r-Residenti Barranin u wara jingħataw Refreshments.
**Fit-8.00p.m.** Re-enactment taż-żjara tal-Gran Mastru Perellos f'Ta' Sannat. Din tkun minn Triq Ċenċ lejn il-pjazza tal-knisja.
**L-ERBGĦA, 23.07.08: L-EWWEL JUM TAT-TRIDU.**
**Fis-7.00p.m**. quddiesa bis-sehem ta' l-orkestra
Jipprietka il-W.R. Mons. Carmelo Refalo Arċipriet tax-Xagħra.
Wara, Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.
**Fit-8.30p.m.** Ikla Tradizzjonali fil-Pjazza tal-Knisja, b'entertainment kbir. Mistiedna speċjali Morena.
Tingħata merħba lill-Kappillan u lis-Sindku ta' Pisoniano flimkien mal-Grupp tagħhom
**IL-ĦAMIS, 24.07.08: IT-TIENI JUM TAT-TRIDU**
**Fis-7.15a.m.** ikun hawn il-Konfessur barrani għall-qrar
**Fis-7.00p.m**. quddiesa bis-sehem ta' l-orkestra
Jipprietka il-W.R. Mons. Carmelo Refalo Arċipriet tal-parroċċa tax-Xagħra.
Wara, Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.
**Fit-8.30p.m**. Il-Parroċċa tagħti merħba lill-Banda Ġeramiża Uberlinger am Reid, fid-Dar Parrokkjali.
**Fid-9.30p.m**. Marc mill-Banda Santa Margerita u mill-Banda Ġermaniża.
**Il-ĠIMGĦA, 25.07.08: IT-TIELET JUM TAT-TRIDU**
**JUM IL-MORDA U L-ANZJANI**
**Fil-5.00p.m.** quddiesa għall-Morda u l-Anzjani.
**Fis-6.30p.m**. kant ta' l-Għasar
**Fis-7.00p.m**. quddiesa bis-sehem ta' l-orkestra
Jipprietka il-W.R. Mons. Carmelo Refalo Arċipriet tal-parroċċa tax-Xagħra.
Wara, Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.
**Fid-9.30p.m**. Tibda id-Dimonstrazzjoni bl-istatwa ta' Santa Margerita minn Main Street.
**IS-SIBT, 26.07.08: Lejliet il-Festa Esterna.**
**Fil-10.30a.m.** Quddiesa li fiha jsir il-kant tat-Te Deum u l-preżentazzjoni u t-tfal jippreżentaw il-Ktieb tal-ħajja ta' S Margeirta.
**Fis-6.30p.m.** TRANSLAZZJONI SOLENNI mmexxija mill-W.Rev. Mons. Pawlu Cardona, Arċipriet tal-Parroċċa Kolleġġjata, Bażilika ta' San Gorġ Martri.
Għasar, Antifona u Barka Sagramentali
**Fis-7.45p.m.** Quddiesa u omelia minn Mons Isqof Nikol G. Cauchi.
**IL-ĦADD, 27.07.08: JUM IL-FESTA ESTERNA TA' SANTA MARGERITA VERĠNI U MARTRI.**
**Fid-9.00a.m.** Pontifikal Solenni mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex li jagħmel ukoll l-omelija.
**Fis-6.30p.m**. Għasar Solenni bil-mużika
**Fit-7.45p.m**. Tibda ħierġa l-purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Margerita mmexxija mill-W.Rev. Mons Pawlu Cardona Arċipriet tal-Parroċċa, Kolleġġjata Bażilika ta' San Ġorġ.
**Fil-10.00p.m**. Dħul tal-Purċissjoni u Funzjoni Ewkaristika.

**Il-FUNZJONIJIET** tal-Knisja wieħed jista jsegwihom fuq Radju Margerita, jew minn fuq l-Website tal-parroċċa: ***sannatparish.com***

**AVVIŻ:** Nitolbu l-koperazzjoni tal-ġenituri biex ma' jħallux tfal jersqu lejn il-post minn fejn jinħaraq in-nar. Ħadd m'għandu jersaq fejn ikun jinħaraq in-nar tal-festa ħlief dawk awtorizzati.